MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1656/2010

**Mobisle Communications Limited – C-24655**

**vs**

**Mario Borg**
**I.D. 30356-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess Socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija wiehed u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,181.93c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tal-kommunikazzjoni kont numru *1012147* moghti mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta’ elf, mija wiehed u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,181.93c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------